2 9 JUL 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 529**

**It-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
Angelo Scicluna - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**529.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

529.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibghuta mis-Sur Joseph Buttigieg fejn talab li jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg ikun skużat.

529.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibghuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

**529.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

529.2.1 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill setghax isejjah iktar minn laqgha b'urġenza wahda fl-istess ġurnata. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

529.2.2 Il-minuti tal-526 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas.

529.2.3 Il-minuti tal-527 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Barbara.

529.2.4 Il-minuti tal-528 laqgha ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas.

**529.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

529.3.1 Is- Sindku qal illi waqt laqgha li kellu mas-Sur Patrick Spiteri minn *Festivals Malta* ġiet diskussa l-possibilità li ssir attività bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u d-*double decker* ta' *Festivals Malta* tintuża ghal-*Hybrid Festival*. Is-Sindku ssuġerixxa li din l-attività tittella' minflok l-attività li kienet ġiet approvata matul il-524 laqgha tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku staqsiet f'hix kienet tinvolvi din l-attività . Is-Sindku qal illi jekk il-Kunsill jaqbel nhar il-Hadd 5 ta' Lulju, 2020 fis-sebgha u nofs ta' filghaxija, fil-venda l-antika ta' Haż-Żabbar, kien ser ikun hemm d-*double decker* ta' *Festivals Malta* u tittella' *performance* minn Dorothy Bezzina u l-grupp mużikali taghha.

529.3.2 Fis-6.40 ta' filghaxija s-Sur Joseph Vella dahal ghal-laqgha.

529.3.3 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienx hemm bżonn li jinkrew il-*barriers* tal-Pulizija ghal matul din l-attività.

529.3.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jorganizza din l-attività flimkien ma' *Festivals Malta* nhar il-Hadd 5 ta' Lulju, 2020 u li ghal din l-attività il-Kunsill ihallas ghall-kiri tal-

*barriers* kif ukoll sabiex ikun hemm il-preżenza tal-Pulizija biex ma jsirx parkeġġ ta' vetturi fil-venda l-antika matul din l-attività.

529.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi *Parks Malta* kienu bagħatu l-inviti għall-inawgurazzjoni tal-Park ta' San Klement għal nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju, 2020.

529.3.6 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk is-Sur Marc Vella Bonnici kienx ġie mistieden. Is-Sindku qal illi huwa kien għadda l-lista lil *Parks Malta.*

529.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ser issir *pelican crossing* quddiem id-daħla tal-Park ta' San Klement. Is-Sindku żied jgħid li *Parks Malta* kienu bdew bil-proċessi meħtieġa u kienu għaddejjin bid-diskussjonijiet ma' Transport Malta.

529.3.8 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jistampa numru ta' karti vojta bil-*letterhead* tal-Kunsill stampata bil-linka ta-kulur.

529.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien inbeda x-xogħol sabiex isir il-*bus shelter* mal-*bus stop* 'Plier' li hemm fi Triq Villabate.

529.3.10 Dwar il-*bus shelter* li kellu jsir mal-*bus stop* 'Hamra' is-Sindku qal illi x-xogħol kien ser jieħu iktar fit-tul peress illi kien hemm xi servizzi li kienu għaddejjin minn taħt il-bankina u li għad iridu jiġu rilokati. Is-Sindu żied jgħid li l-kumpanija *Faces* kienet għaddejja bid-diskussjonijiet mal-Korpozzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibli. Barra minn hekk is-Sindku żied jgħid li kien hemm kaxxa tal-*Maltapost* li wkoll għad trid tiġi rilokata.

529.3.11 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista mibgħuta mill-kumpanija *Faces* biex jitwaħħlu *bus shelters* ġodda ma' numru *ta' bus stops* f'Ħaż-Żabbar. Din il-lista kienet tinkludi l-*bus stop* bl-isem 'Għollieq' li qiegħed fi Triq Bormla, 'Hofra' u 'Alessio' (maġenb id-dar ta' Lourdes) li qegħdin fi Triq ix-Xgħajra u 'Newl' li qiegħed fi Triq Villabate.

529.3.12 Is-Sur Joseph Agius talab sabiex mal-lista mibgħuta mill-kumpanija Faces jiżdied il-*bus shelter* mal-*bus stop* 'Bur Bur' li hemm faċċata tal-ispiżerija fi Triq ix-Xgħajra.

529.3.13Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi *Infrastructure Malta* kienet issuġġeriet li jitneħħa l-*bus stop* 'Hofra' li hemm fid-direzzjoni lejn il-Belt peress illi m'hemmx fejn isir *bus shelter* u minflok isir *bus stop* iktar 'il fuq fil-viċinanzi ta' *Harmony Court.*

529.3.14 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li ma kinitx taqbel ma' dan is-suġġeriment peress illi kienet ser titwal id-distanza għall-*bus stop,* speċjalment għar-residenti li jkunu ġejjin mill-*area* tal-Hofra.

529.3.15 Is-Sur Mark Grech semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-*bus stop* 'Ħofra' u staqsa jekk kienx hemm fejn issir zebra crossing f'każ li dan il-*bus stop* jitressaq fil-viċinanzi ta' *Harmony Court*. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob il-parir ta' Transport Malta.

529.3.16 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas semmiet il-ħtieġa li jitressaq il-*bus stop* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq Felice peress illi meta tieqaf il-karozza tal-linja kienet qed tinħoloq konġestjoni tat-traffiku.

529.3.17 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li deher fuq il-midja soċjali sabiex isir *bus shelter* mal-*bus stop* ta' Triq ix-Xgħajra għan-nies li jkunu sejrin lejn il-Belt biex dan iservi ta' kenn mix-xita u mix-xemx.

529.3.18 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jressaq il-*bus stop* 'Ħofra' fil-viċinanzi ta' *Harmony Court'*.

529.3.19 Fis-7.05 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

529.3.20 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien deher fuq il-midja soċjali sabiex isir *bus shelter* fi Triq l-Għakrux. Is-Sur Agius talab sabiex dan il-*bus shelter* jiġi nkluż mal-lista għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

529.3.21 Is-Sur Joseph Vella ppropona li mal-lista tal-*bus stops* jiġi nkluż il-*bus shelter* li hemm fi Triq San Leonardu, bejn Triq is-Sebellika u Triq iż-Żagħrun, direzzjoni lejn il-Kalkara. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Vella u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

529.3.22 Is-Sindku nforma l-Kunsill illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Joseph Vella ġiet diskussa l-possibilita' li l-Kunsill jorganizza attivita' flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-bejjiegħa tal-monti tingħalaq Triq is-Santwarju u jiġi organizzat monti sabiex jiżdied il-kummerċ f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi permezz ta' din l-attivita' il-Kunsill kien ser ikun qed jippartecipa' fil-proġett ta' *slow streets*.

529.3.23 Fis-7.10 ta' filgħaxija is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle daħlet għal-laqgħa.

529.3.24 Is-Sur Joseph Agius staqsa ta' min kienet l-inizjattiva li jiġi organizzat monti fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi din l-inizjattiva kienet tal-Kunsill.

529.3.25 Is-Sindku qal illi l-ġurnata li fiha kien ser jiġi organizzat dan il-monti kienet ser tingħata mill-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa tal-Monti.

529.3.26 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas staqsiet jekk din l-attività kinitx ser tkun okkażżjoni ta' darba. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

529.3.27 Is-Sur Joseph Vella qal illi matul din l-attività kien ser ikun hemm ukoll *stalls* tal-ikel.

529.3.28 Is-Sindku qal illi kien ser jitlob laqgħa mal-Arċipriet kif ukoll mal-għaqdiet Żabbarin sabiex jiddiskuti l-attivitajiet li kienu ser jiġu permessi li jsiru matul il-ġranet tal-festa. Dan sabiex f'każ li ma jkunux ser isiru attivijatiet lokali, tiġi organizzata attività tal-festa mill-Kunsill.

529.3.29 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li kellhom jiġu kkanċellati minħabba l-Covid 19 u talab lis-Sinjorina Ghislaine Bongailas torganizza l-attività tal-Ħarsien tal-Annimali, lill-Viċi Sindku u lill-Kaptan Patrick Barbara sabiex jorganizzaw *Clean Up*, lis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri sabiex torganizza t-*talks* edukattivi u lis-Sinjura Anna Calleja sabiex terġa' tieħu ħsieb torganizza l-attivitajiet ta' Għaqal id-Dar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sala tal-Kunsill ma setgħetx tintuża peress illi kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni.

529.3.30 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet li kellha l-ħsieb torganizza attività f'Ottubru sabiex tiġi evitata s-sħana tas-sajf.

529.3.31 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li fit-18 ta' Lulju, 2020 jiġi organizzat kunċert mużikali bl-isem 'Dabo Gratiam Poulo Huic' flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €1,165 VAT inkluż.

529.3.32 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa jorganizza l-attivita' *5k* u *3k run* flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000 VAT inkluż.

529.3.33 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienux ser jiġu organizzati l-kunċerti tal-għaqdiet lokali matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob laqgħa mal-għaqdiet sabiex jistaqsi dwar l-attivitajiet li ser jiġu organizzati fil-ġranet tal-festa.

529.3.34 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw strumenti mużikali sabiex jintużaw mill-istudenti waqt il-korsijiet tal-mużika 'Skola Banda', liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €2,000.

529.3.35 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issuġġeriet li jittella' kunċert u jdoqqu ż-żewġ każini flimkien. Is-Sur Joseph Vella spjega li mhix faċli li tlaqqa' ż-żewġ każini sabiex idoqqu flimkien.

529.3.36 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill talba li kien irċieva mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex tiġi organizzata tombla fi Triq id-Dukkar.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li japprova din l-attività.

529.3.37 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-bejjiegħa tal-gabbani kienu qed jistaqsu jekk hux ser jinħarġu l-permessi sabiex isir twaqqif jew tqegħid ta' gabbani fil-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ il-permessi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani kienu ser jiġu milqugħa mis-17 t'Awwissu sal-21 t'Awwissu 2020 sakemm ma jinħarġux xi restrizzjonijiet minħabba l-Covid 19.

529.4 **Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

529.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

529.5 **Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13**

529.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu kandidat 'B' huwa addattat għal din il-kariga u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li kandidat 'B' jiġi mpjegat bħala Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13).

529.6 **Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni**

529.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2019 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

529.7 **Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2019**

529.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2019. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

529.8 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

529.8.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-

perjodu ta' bejn is-27 ta' Mejju 2020 u t-30 ta' Ġunju 2020 li kienet tammonta għal €54,992.59.

529.8.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2019 li kien jammonta għal €69.69.

529.9 **Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value*

529.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-*item* jiġi diskuss iktar tard matul il-laqgħa.

529.10 **Applikazzjonijiet għall-fondi tal-GAL Xlokk**

529.10.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill setgħa jingħata għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €10,000 taħt is-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value* u żied jgħid li 20% tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-applikant. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-fondi sabiex isir xogħol ta' restawr għall-kappella ta' Sant' Andrija fi Triq Alessio Erardi kif ukoll restawr tal-istatwa ta' Papa Alessandru, biswit il-Mużew tas-Santwarju, li qiegħda ħdejn Sqaq il-Knisja. Is-Sindku żied jgħid li jekk ikun fadal biżżejjed fondi il-Kunsill japplika sabiex it-*telephone box* li hemm fil-venda l-antika fi Triq is-Santwarju tinbidel f'librerija u l-Kunsill jipprova jippromwovi l-qari billi persuna titfa' ktieb fiha u tieħu wieħed lura biex b'hekk ikun hemm skambju ta' kotba.

529.10.2 Is-Sindku qal illi l-Kunsill setgħa jingħata għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €10,000 taħt is-sejħa ffinanzjata minn Fondi Ewropej taħt il-Miżura 3 – *Promotion of the Cultural Heritage* u żied jgħid li 20% tal-ammont totali jrid jiġi kopert mill-applikant. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-fondi sabiex isiru sinjali bi vleġeġ differenti li jindikaw lejn kull destinazzjoni u flimkien ma' bord ta' informazzjoni mehmuż mas-sinjalar juru postijiet turistiċi f'Ħaż-Żabbar, kif ukoll japplika sabiex tiġi rranġata l-entratura, l-garigor u d-dawl tax-xelter li hemm f'Misraħ is-Sliem.

529.10.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet saret laqgħa bejn il-Viċi Sindku, il-Kaptan Patrick Barbara u l-*EU officer* provdut mir-Reġjun Xlokk sabiex jiġi diskuss l-proġett tal-Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure*. Il-Viċi Sindku nfurmat lill-Kunsill li permezz ta' din il-miżura kienu ser jiġu rranġati erba' *soft areas* fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi. Ix-xogħol kien jinkludi tibdil taċ-ċint tas-*soft areas*, xiri u nstallazzjoni ta' bankijiet kif ukoll numru ta' *bins*. Is-Sindku qal illi skont l-istima provduta mill-Perit tal-Kunsill, l-ispiża ta' dan il-proġett kienet

stmata li ser tammonta madwar €34,363 eskluż il-VAT. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti l-applikazzjoni permezz ta' dan il-proġett.

529.10.4 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill setgħax jirranġa *s-soft area* li hemm faċċata tal-ispiżerija fi Triq ix-Xgħajra permezz tal-Miżura 4. Is-Sindku qal illi din is-*soft area* kif ukoll l-art mitluqa li hemm fl-istess triq fil-viċinanzi ta' Triq il-Kapuċċini kienu ser jiġu nklużi mal-proġett ta' *Infrastructure Malta* li qed isir fi Triq ix-Xgħajra.

529.10.5 Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill kien ser japplika sabiex jinxtraw *pots* bil-pjanti fi Triq Alessio Erardi fil-viċinanzi tal-Knisja tas-Salib Imqaddes, fi Triq is-Santwarju u fuq it-*traffic island* li hemm fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq in-Nevew peremezz tal-Miżura 4.

529.10.6 Peress illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet qed taħdem b'nuqqas ta' *staff* u l-Kunsill kien ser japplika għal diversi skemi u fondi fl-istess ħin, is-Sindku qal illi kienu ser jinġiebu stimi sabiex tintalab assistenza biex l-applikazzjonijiet jintlew fil-ħin.

529.11 **Direttiva 3/2020 – Kwestjonarju**

529.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-kwestjonarju mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata *feedback* dwar l-esperjenza tagħhom f'dawn l-aħħar xhur, dwar l-użu ta' sistemi ġodda *online* għal-laqgħat tal-Kunsill.

529.12 **EPOS Machine**

529.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-talba tal-BOV lil diversi Kunsilli Lokali sabiex jiġu nstallati l-*EPOS machines* fil-Kunsilli Lokali.

529.12.2 Fit-8.00 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat. Fit-8.05 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

529.12.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li ma jinstallax l-*EPOS machine* u jiddiskuti din il-materja mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-*bank charges* marbuta ma' din is-sistema jiġu mħallsa mill-entitajiet rispettivi li għalihom ikun dovut il-ħlas.

529.13 **Kontijiet tad-dawl u l-ilma**

529.13.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi d-Dipartiment tal-Edukazzjoni kienet bagħatet kont tad-dawl li jammonta għal €4,112.74 għall-użu tas-sala tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li dan il-kont ma kienx fuq isem il-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li kien

ser ikellem lill-Awtoritajiet ikkonċernati sabiex isir trasferiment tal-kont tad-dawl tas-sala tal-Kunsill u l-ħlas isir mil-llum 'il quddiem. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jikkontesta dan il-kont.

529.14 **Latrini Pubbliċi**

529.14.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mad-Direttur tal-*Cleansing Department* sabiex jiddiskuti l-latrini pubbliċi li hemm f' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi skond ir-*records* tal-*Cleansing Department* kien hemm imniżżel li f'Ħaż-Żabbar kien hemm tlett latrini pero' kien għad iridu jsiru xi verifiki minħabba li waħda minnhom aktarx kienet ġewwa l-lokalità tax-Xgħajra iżda kienet imniżżla li qiegħda fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ġie mitlub sabiex mil-lum 'il quddiem iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa il-Kunsill ġie mistoqsi jekk il-Kunsill iridx id-devoluzzjoni tal-kamra li hemm fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar li fil-passat kienet tintuża bħala latrina pubblika. Peress illi din il-kamra kienet battala s-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni u tibda tintuża bħala latrina pubblika minflok il-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli u kif jitlesta x-xogħol ta' tisbiħ fil-latrina tal-venda l-antika, il-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli tista' tintuża bħala *store* tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob għad-devoluzzjoni tal-kamra li hemm fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar, isir xogħol ta' tisbiħ permezz tal-fondi li hemm fil-*Planning Fund*, u li l-kamra tibda tintuża bħala latrina minflok il-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli.

529.14.2 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li fuq il-binja taċ-Ċentru Ċiviku jiġu nstallati pannelli solari. Is-Sindku qal illi diġa kien għaddej bid-diskussjonijiet mal-entitajiet ikkonċernati sabiex kif jitlesta x-xogħol ta' manutenzjoni fuq il-binja, tiġi sottomessa l-applikazzjoni GOV 1 sabiex jiġu nstallati l-pannelli u l-Kunsill jibda jbiegħ id-dawl lill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

529.15 **Ittri legali**

529.15.1 Dwar l-ittra ta' oġġezzjoni lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar il-fondi relatati ma' Triq Has-Sajjied, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Avukat tal-Kunsill kien tal-parir li jittieħed affidavit mill-Ex Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, l-ex Aġent Segretarju u l-Kunsillier Joseph Vella peress illi kien il-Project Leader ta' dan il-proġett u li minħabba f'hekk kellu jitqabbad nutar.

529.16 **Rikors tal-Appell**

529.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kien irċieva rikors ta' appell dwar seduta (M5491/2018) li saret b'konnessjoni mat-talba għall-ħlas relatata mal-ħsara li għamel sid ta' vettura fi Triq iċ-Ċimiterju f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku

li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabilità għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

## 529.17 Manutenzjoni tal-bankini

529.17.1 Is-Sindku semma numru ta' bankini li għandhom bżonn xogħol ta' manutenzjoni. Huwa nforma lill-Kunsill illi matul ix-xahar t'Awwissu kien ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku żied jgħid li kien għaddej b'diskussjoniijet mal-entitajiet konċernati sabiex jinbidlu s-servizzi. Dwar l-ordni ta' kif kienu ser isiru l-bankini s-Sindku qal illi kien ser jibgħat il-lista fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti illi kien ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni tal-bankina li hemm fi Triq Tumas Dingli, il-parti bejn Triq il-Kunvent u Triq is-Santwarju.

529.17.2 Is-Sur Joseph Agius talab li jitneħħew ir-ranep li hemm fuq il-bankini sabiex dawn ikunu aċċessibli għall-persuni b'diżabilità.

529.17.3 Is-Sur Joseph Vella talab sabiex isiru *planters* bil-fjuri fuq il-bankina mad-dawra tal-Iskola Primarja B.

529.17.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li x-xogħol ta' tkissir tal-bankina kif ukoll it-tqegħid tal-kurduni ser isir mill-ħaddiema tal-Kunsill u l-kuntrattur jagħti l-konkos tal-wiċċ tal-bankina.

529.17.5 Is-Sur Joseph Vella rrefera għax-xogħol li qed isir mill-Gvern Ċentrali fi Triq Wied il-Għajn u qal li kienet inqagħlet il-bankina u nħoloq periklu għal *pedestrians*. Is-Sindku qal illi l-bankina inqgħalet minħabba li kienet ser issir esproprjazzjoni tal-art.

529.17.6 Il-Kunsill għadda sabiex jiddiskuti l-item 529.9 - Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti Miżura 1 - *Local Development Strategy - Restoration of assets of artistic and cultural value*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti *Restoration of assets of artistic and cultural value*. (ZLC 5/2020) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Edward Said, mis-Sur Marco Cassar u mill-Kunsilliera s-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri.

## 529.18 *Traffic calming measures* Triq Mariano Gerada

529.18.1 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta fejn talbu lill-Kunsill jagħti l-opinjoni tiegħu dwar talba li saret mir-residenti li joqgħodu fi Triq Mariano Gerada sabiex isiru *trafffic calming measures*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jibgħat jinforma lil Transport Malta sabiex isiru *road humps* minflok it-*traffic calming measures* kif ġie issuġġerit.

529.19 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

529.19.1 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx ipparteċipa fil-proġett Opportunity Knocks. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sinjura Anna Calleja talbet lill-Kunsill jipparteċipa f'dan il-proġett peress illi kien ser ikun ta' benefiċċju għaż-żgħażagħ.

529.19.2 Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet sabiex fil-Park ta' San Klement ikun hemm żoni vojta riservati għall-familji li joqgħodu fl-appartamenti sabiex ikunu jistgħu jħawwlu ħxejjex. Is-Sindku qal illi l-ħsieb tal-park kien sabiex jitgawda minn kulħadd u ma kienx jaqbel li jkun hemm żoni riservati.

529.19.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jiġi rranġat parti mill-ħajt tas-sejjiegħ fi Triq in-Nissieġ peress illi kien waqa'.

529.19.4 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kien ser jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* fi Trejqet Wied ta' Mazza peress illi kien hemm xi residenti li tħallew mingħajr ilma. Is-Sindku qal li x-xogħol mistenni jitkompa fiż-żmien li ġej.

529.19.5 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jingħata wiċċ ġdid fi Trejqet San Ġorġ Preca.

529.19.6 Is-Sur Joseph Agius reġa' talab li jsir *traffic management* fiż-żona tal-*housing estate* u ssuġġerixxa li Triq iċ-Ċikas issir *one way* u d-dħul għall-*housing estate* minflok isir minn Triq l-10 ta' Settembru. Is-Sindku qal illi din it-talba ma setgħetx issir.

529.19.7 Is-Sur Joseph Vella qal illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kien qed jibda l-ġbir tal-iskart qabel is-7.00 ta' filgħodu.

529.19.8 Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kien qed igeddes il-boroż fil-kantunieri.

529.19.9 Is-Sindku qal illi kien ser jinforma lill-*contracts manager* tal-Kunsill b'dawn l-ilmenti.

529.19.10 Il-Viċi Sindku talbet sabiex jiġi organizzat il-*parking* li hemm fil-fetħa ta' Triq Santa Duminka kantuniera ma' Triq il-Kittien peress illi kien qed isir parkeġġ bl-addoċċ.

529.20 **Mozzjonijiet**

529.20.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

529.21 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

529.21.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

529.21.2 Il-laqgħa spiċċat fid-8.55 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-531 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku